MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 895/2004

**Joseph Ciscaldi ezercenti il-kummerc taht l-isem Butterfly Garage**

**vs**

**Deborah Fenech Dr Fremaux**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Illi huwa kreditur tal-konvenuta fis-somma ta' tmint elef u hames mija u erbgha u sebghin liri maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm8574.71) rappresentanti din is-somma in kwantu ghal sitt elef u erbgha u sebghin liri

maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm 6074.71) prezz dovut ghal kiri ta’ karozzi mikrija mill-konvenuta minghand l-attur u in kwantu ghal elfejn u hames mitt liri maltin (Lm2500) somma mislufa brevi manu mill-attur lill-konvenuta;

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuta m’ghandha l-ebda eccezzjonijiet x’taghti in kontro-trattazzjoni ghat-talbiet attrici u b’ hekk jezistu c-cirkostanzi kontemplati fl-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta biex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh;

Illi l-konvenuta debitament interpellata baqghet inadempjenti;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenuta tghid ghaliex m’ghandiex din il-Qorti:-

tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta’ l-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur s-somma ta’ tmint elef u hames mija u erbgha u sebghin liri maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm8574.71);

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 3 ta’ Awissu 2004 u bl-imghax mid-data tal-ftehim sad-data tal-hlas effettiv u bil-konvenuta li giet ingunta in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat li l-konvenuta naqset li tidher u naqset li tippresenta n-nota ta’ eccezzjonijiet taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-attur;

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta’ April 2005;

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti t-talbiet kollha attrici jirrizultaw suficjentement pruvati u ghalhekk jimmeritaw li jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur s-somma ta’ tmint elef u hames mija u erbgha u sebghin liri maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm8574.71) ghar-ragunijiet indikati fic-citazzjoni u bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------